MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 578/2009

**Bank of Valletta PLC (C-2833)**
**Vs**
**Simon Camilleri (K.I. 437970M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf, hames mija, disgha u sebghin ewro u tliet ewro centezmi (€1,579.03) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-'*loan account'* tal-konvenut mas-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mat-talba, flimkien mal-interessi mid-9 ta' Gunju, 2009 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dik ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Awissu, 2008 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat konteswalment mal-kawza.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi l-konvenut gie mharrek in subizzjoni.

Illi s-socjeta' attrici ipprezentat affidavit skont il-ligi mat-talba.

Ra mill-atti li l-konvenut gie notifikat bl-atti.

Illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-atti u d-dokumenti kolha li gew pprezentati f'din il-kawza.

Ra li fl-20 ta' Jannar, 2010 gie pprezentat kapitolu mill-Avukat Dr.M Camilleri.

Ra li l-konvenut naqas li jidher anki ghas-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------